MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-11 ta' Awwissu, 2009

Citazzjoni Numru. 767/2009

Dr Roger **DE GIORGIO**

vs

**KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA** et

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-attur fil-5 ta’ Awissu, 2009, flimkien mar-Rikors Maħluf fl-ismijiet premessi, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-istess rikorrent talab li l-kawża tinstema’ b’urġenza;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta’ Awissu, 2009 li bih ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-partijiet l-oħra, b’jumejn għat-Tweġiba u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tal-lum dwar it-talba għall-urġenza;

Rat it-tweġiba mressqa mill-intimati fis-7 ta' Awissu, 2009, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, opponew għat-talba li l-kawża tinstema' b'urġenza;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet, speċifikatament dwar il-kwistjoni tal-urġenza;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-istess kwistjoni;

Qieset l-atti kollha proċesswali.

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju dwar permess maħruġ għal attivita' mnedija mill-attur u fuq talba tiegħu, liema permess kien jillimita l-ħin massimu sas-sagħtejn ta' filgħodu;

Illi l-attur iqis li d-deċiżjoni meħuda f'dan ir-rigward u kif konfermata mill-Bord tal-Appelli tal-Pulizija fuq appell tal-istess attur, saret bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-art. 469A tal-Kap 12 u għalhekk ma tiswiex;

Illi, f'kull każ, min-natura tal-azzjoni mressqa mill-attur din il-Qorti, f'każ li ssib favur l-istess attur, tista' biss tħassar id-deċiżjonijiet impunjati minnu, iżda mhux ukoll li tissostitwixxi s-setgħat tagħha għal dawk tal-imħarrkin;

Illi, b'żieda ma' dan, l-attivita' li fi ħsiebu jniedi l-attur fil-15 ta' Awissu, 2009, m'hijiex miżmuma, iżda limitata fil-ħin tagħha u għalhekk, il-kwistjoni taż-żieda fil-ħin pretiż mill-attur hija waħda relativa għad-deċiżjonijiet amministrativi impunjati;

Illi f'każ li d-deċiżjoni tibqa' ma tinbidilx, l-effetti tagħha jistgħu jkunu konvertibbli f'azzjoni ta' danni, f'każ li l-ilmenti tal-attur jirrizultaw mistħoqqa;

Illi l-attur iqis li l-azzjoni tiegħu, minbarra li hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju, hija wkoll waħda ta' indoli kostituzzjonali u għalhekk, minnha nnifisha, ta' natura urġenti;

Illi l-attur jissottometti wkoll li l-urġenza tal-kawża mressqa minnu toħroġ l-aktar mill-kwestjoni tar-rabtiet kuntrattwali ġa' assunti minnu u mir-reputazzjoni internazzjonali li t-taqsir tal-ħin tal-attivita' jista' jkollu fuq ix-xbiha ta' Malta bħala destinazzjoni turistika f'għajnejn il-barranin;

Illi, min-naħa tagħhom, l-intimati jissottomettu wkoll, b'żieda mal-argumenti mressqin minnhom fit-Tweġiba, li l-qofol tal-kwestjoni li toħroġ mill-azzjoni mibdija mill-attur hija waħda kummerċjali marbuta ma' ħruġ ta' permess li ma jissoddisfax għal kollox dak li jkun ippretenda l-applikant;

Tqis li, minkejja s-sottomissjonijiet tal-għaref difensur tal-attur, din il-kawża tibqa' prinċipalment waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju u mhux waħda ta' natura kostituzzjonali, u dan ukoll minħabba l-prinċipju ġeneralment applikabbli, li l-parti mġarrba trid tkun eżawriet ir-rimedji tagħha "ordinarji" qabel ma tadixxi dawk Kostituzzjonali jew Konvenzjonali;

Tqis li l-istħarriġ xieraq tal-ilmenti ewlenin tal-attur jitolbu li l-Qorti tistħarreġ bil-kwiet l-implikazzjonijiet kollha marbutin mal-imsemmija lmenti li, jekk se jiġi segwit l-*iter* xieraq (ukoll jekk bit-taqsir tat-termini) ma jkunx possibbli li din il-kwestjoni tkun kif jixraq mistħarrġa sad-data tal-avveniment mertu tal-kawża;

Tqis li, bħala attivita' kummerċjali, għall-attur il-kwestjoni hija b'mod ieħor rimedjabbli u dan ukoll jekk id-deċiżjoni amministrattiva impunjata tibqa' ma tinbidilx;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tipprovdi dwar it-talba tal-attur billi;

**Tiċħad** it-talba tiegħu li l-każ jinstema' bl-urġenza.

Mogħti llum, 11 ta' Awissu 2009

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------